*Paul Falzon*

# Diversi xogħlijiet ta' artist Xewki mxerrda f'Malta

Paul Falzon mhuwiex isem ġdid fil-qasam tal-arti f'pajjiżna, speċjalment f'dak tax-Xenografija, kif ukoll f'xogħlijiet relatati ma' festi. F'dawn l-aħħar snin, Falzon kien ikkummissjonati minn diversi assoċċjazzjonijiet kulturali u festivi ġewwa Malta. Fost dawn nsemmu l-lokalijajiet ta' Ħal Għaxaq, Birgu, Imqabba, Ħal Kirkop u Mellieħa. Il-biċċa l-kbira tax-xogħolijiet huma kollha realtati ma' pittura li jiddedndlu bħal dekorazzjoni fil-festi. Forsi l-akbar biċċa xogħol artistika u anke ta' ċertu preġju li għamel Falzon hi il-pittura li pitter is-sena l-oħra fis-Sede ta' San Ġużepp f' Ħal Kirkop, fejn pitter lil San Ġużepp jiġi nkurunat minn ibnu Ġesù. Falzon ukoll pitter *'portrait'* tas-Surmast tal-Banda tas-Soċjetà Filarmonika Vittorja – Mellieħa. Din is-sena sar ukoll xogħol ġdid ġewwa San Pawl Il-baħar.

Peress li dawn ix-xgħolijiet qegħdin Malta forsi mhux kulħadd huwa konxju tagħhom u għalhekk ħassejna li nuru u naqsmu magħkom għażla ta' xi wħud minnhom. Inkomplu nawguraw lil dan l-artist żagħżugħ kompajżan aktar ħidma sfiqa fil-qasam tal-arti.





Is-Sede Ġużeppina f' Ħal Kirkop waqt l-inawgurazzjoni u tberik tal-pittura li turi l-inkurunazzjoni ta' San Ġużepp minn ibnu Ġesù



L-artist waqt xogħol fuq il-pittura tal-Visitazzjoni f'Ħal Għaxaq



Dettal mit-tħabbira
tal-anġlu (Ħal Għaxaq)



Pittura ta' Maestro Joseph Vella,
Surmast tas-Socjeta Filarmoni-
ka La Vittoria (Mellieha).




Disinn tal-bandalora
ġewwa l-Imqabba



Dettal mill-pittura
li turi l-Virtujiet ta' Marija
(Imqabba)



Dettal mill-pittura
li turi d-Dulur ta' Marija
(Imqabba)





Papa Damasu u Papa Piu X
xogħol ġewwa il-Birgu